MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 517/1995/2

**Frank Cilia**

**Vs**

**Nazzareno Caruana**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur kien inkargia lill-konvenut sabiex jaghmillu xoghol ta' kontrabejt bil-process ta' *power float* fil-fond "Zernieq" Triq il-Mahsel, Bajja ta' San Tumas, Marsascala;

Premess illi dan il-kontrabejt maghmul mill-konvenut ma sarx skond l-arti u s-sengha u fih diversi difetti u dan skond ma jirrizulta minn certifikat rilaxxjat mill-Perit

Godwin J. Aquilina fil-25 ta' Ottubru 1994 kopja tieghu hija annessa mac-citazzjoni u markata Dokument A;

Premess illi l-konvenut interpellat diversi drabi sabiex jaghmel ix-xoghlijiet rimedjali necessarji baqa' inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-kontrabejt maghmul mill-konvenut fuq inkarigu ta' l-attur fil-fond "Zernieq", Triq il-il-Mahsel, Bajja ta' San Tumas, Marsascala ma sarx skond l-arti u s-sengha u fih diversi difetti;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jaghmel dawk ix-xoghlijiet rimedjali kollha necessarji sabiex jigu eliminati d-difetti kollha u dan taht id-direzzjoni ta' perit nominandi;

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-attur sabiex jaghmel l-istess xoghlijiet a psejjez tal-konvenut;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-31 ta' Ottubru 1994 kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Preliminarjament l-inkompetenza ta' din il-Qorti billi l-materja kienet ta' kompetenza kummercjali;

2. Illi fil-meritu t-talba attrici kienet infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti esegwixxa l-appalt tal-kontrobejt skond is-sengha u l-art u dan 'il fuq minn tliet snin ilu;

Ghamel ukoll riserva ghal eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat il-verbal tas-7 ta' Dicembru 1995 li permezz tieghu l-konvenut irtira l-eccezzjoni tieghu ta' l-inkompetenza;

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza li permezz tieghu gie nominat bhala espert tekniku AIC David Pace bis-soliti fakoltajiet;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert tekniku li tinsab a fol 43 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tas-7 ta' Dicembru 2001;

Rat l-atti kollha tal-process senjatament id-diversi dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:-

Illi permezz tac-citazzjoni odjerna l-attur ippremetta illi huwa kien inkariga lill-konvenut biex jaghmillu xoghol ta' kontrabejt bil-process tal-*power float* izda dan ma sarx skond is-sengha u l-arti u fih diversi difetti kif irrizultaw mic-certifikat peritali li huwa annetta; u ghaldaqstant huwa talab lill-Qorti tiddikjara illi x-xoghol tal-kontrabejt imsemmi ma sarx kif kellu jsir u tikkundanna lill-konvenut biex jirrimedja u fin-nuqqas tawtorizza lill-istess attur jaghmel ix-xoghlijiet a spejjez tal-konvenut;

Illi minn naha tieghu l-konvenut l-ewwel ta eccezzjoni ta' l-inkompetenza u dina giet irtirata minhabba l-emendi li kienu gew introdotti fil-ligi dwar il-materja u li dwar il-meritu cahad l-allegazzjoni attrici peress li kien ghamel ix-xoghol tal-kontrabejt skond is-sengha u l-arti u dan tliet snin qabel ma giet istitwita dina l-kawza;

Illi mir-rizultanzi processwali jidher li l-konvenut kien gie inkarigat mill-attur biex jaghmel diversi xoghlijiet ta' bini fi proprjeta` ta' l-istess attur u fost dan ix-xoghol kien hemm ukoll il-bejt; l-attur jghid li skond il-ftehim dan kellu jkun bil-*power float* waqt li l-konvenut insista li dan ma kienx inkluz fil-ftehim imma ghamlu bona gratia tieghu;

Illi din il-Qorti taqbel ma' l-osservazzjoni ta' l-abbli relatur li "ma jistax jara illi appaltatur jaqbad u jinkorri spejjez bil-kiri ta' *power float* sabiex johrog il-wicc billi dan jinvolvi wkoll certu ammont ta' hin minghajr ma jippretendi hlas tieghu." U ghalhekk il-Qorti taqbel li l-verzjoni attrici kienet aktar kredibbli, u anki wara li l-perit ikkonsidra l-prezz issottometta: "dan kollu allura aktar jipprova l-verzjoni ta' l-attur fis-sens li kien hemm ftehim li l-bejt ghandu jinhariglu l-wicc permezz tal-*power float*.";

Illi dwar il-kwalita tax-xoghol il-perit tekniku, wara li acceda fuq il-post ikkonkluda illi: "huwa car illi l-wicc kif hallih il-konvenut ma huwiex adegwat bhala kwalita` ta' bejt li kellu jinghata bil-*power float*."

Illi gara wkoll, li apparti jekk ix-xoghol bil-*power float* sarx skond is-sengha, li l-wicc tal-kontrabejt kien qieghed jitqaxxar u dan id-difett irrizulta li jinsab mifrux madwar il-bejt kollu; veru li l-konvenut ipprova jghid li dak kien dovut ghat-tank ta' l-ilma pero` il-perit tekniku ma accettax din l-ispjegazzjoni u zied jghid illi dak it-tqaxxir fil-wicc jigri normalment meta t-tahlita tal-konkos tkun dghajfa u ghalhekk titfarfar u tinqala’ malajr. Illi l-perit tekniku jattribwixxi l-bicca l-kbira tad-difetti proprju ghal dak in-nuqqas ta' tahlita tajba li minhabba fiha l-ilma facilment jipperkola mill-kontrabejt u jghaddi ghal fuq is-saqaf bil-konsegwenzi negattivi maghrufa;

Illi jidher li waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-attur allega wkoll li kien hemm qlib hazin fil-livelli tal-bejt pero` l-perit tekniku ma accettax din il-lanjanza u zied jghid illi fejn kien hemm l-ilma dan kien minhabba li l-wicc ma kienx lixx perfett u ghalhekk setghu jingabru rqajja zghar;

Illi l-konkluzjoni tal-perit tekniku kienet li x-xoghol fil-kontrabejt fih difetti u ma sarx skond is-sengha u l-arti u li t-tahlita tal-konkos kienet dghajfa; huwa ssuggerixxa bhala rimedju l-aktar adegwat u semplici kif ukoll ekonomikament vantaggjuz li fuq il-kontrabejt jinghata kisja bil-*waterproofing membrane* li taghlaq permanentement ghall-ilma u ghalhekk il-problema ghandha tigi rizolta;

Illi wara li gie kkonfermat ir-rapport peritali kien hemm diversi differimenti u ma jirrizulta minn imkien li l-partijiet ressqu xi kritika ghal dan ir-rapport u li anki ghalhekk qed jigi adottat minn dina l-Qorti.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti qed tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda u tiddikjara li l-kontrabejt maghmul mill-konvenut fuq inkarigu ta' l-attur fil-fond "Zernieq" Triq il-Mahsel, Bajja ta' San Tumas, Marsascala ma sarx skond is-sengha u l-arti u fih diversi difetti;

Tilqa' wkoll it-Tieni Domanda u tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien xahrejn millum fuq il-kontrabejt ezistenti jitqieghed *membrane* u tordna li dan ix-xoghol ghandu jsir taht is-supervizjoni tal-Perit David Pace li ghandu jigi mgharraf adegwatament minn qabel ma jsir dan ix-xoghol, a spejjez ta' l-istess konvenut;

Tilqa' wkoll it-Tielet Domanda u tawtorizza lill-attur biex jekk jghaddi inutilment it-terminu hawn fuq moghti u jottjeni certifikat dwar dan minghand l-istess imsemmi Perit David Pace, huwa jkun awtorizzat illi jaghmel l-istess xoghol a spejjez tal-konvenut.

L-ispejjez jithallsu mill-istess konvenut.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur